# Dun Ġużepp Berry
## – 50 sena bħala Rettur tal-Kappella tal-Kunċizzjoni f'Bengħisa

*Arthur Grima*

Kien proprju f'Ottubru tas-sena 1967 meta l-Kappella tal-Kunċizzjoni ġewwa Benghisa għaddiet f'idejn Dun Ġużepp Berry bħala rettur tagħha. Huwa s-seba' rettur tal-kappella sa mill-bidu tagħha fl-1862.

### Il-Kappella

Ta' min isemmi li qabel l-1862 kien hemm kappella oħra wisq iżgħar bl-ewwel rettur tagħha jkun Dun Ġakbu Gauci miż-Żurrieq mibnija minnu stess fl-1822. Ta' min jgħid li din kienet kappella privata tal-familja Gauci u li kienet magħrufa fiż-Żurrieq bħala Tat-Tamburett. Kien fl-1861 li din il-kappella nħattet biex flokha tinbena waħda akbar, proprju dik li naraw illum il-ġurnata.

Din id-darba l-kappella nbniet min-neputi tal-istess Dun Ġakbu u li allura kien ukoll l-ewwel rettur tagħha. Fost ir-retturi li kellha din il-kappella nsemmu lil Dun Pawl Saydon u lill-Prop. Pietru Pawl Saydon li kien jiġi n-neputi ta' Dun Pawl. Dun Pietru Pawl kellu passjoni għal dawn l-inħawi ta' Benghisa tant li kellu residenza ftit 'l isfel mill-kappella fejn hemmhekk kien jgħaddi l-ħin jaqleb il-Bibbja għall-Malti.

Rettur ieħor kien Patri Raymond Formosa li kien Patri Dumnikan. Huwa kien iservi fi żmien il-gwerra. Għal xi żmien kien hemm ukoll Profs. Anton Tabone u Dun Rikard Attard. Nistgħu ngħidu li fi żmien Profs. Saydon kienu jsiru festi sbieħ, kemm tal-Kunċizzjoni kif ukoll tal-Qalb ta' Ġesù. Dan minbarra l-liturġija ta' matul is-sena.

Lura għal Dun Ġużepp Berry, ta' min jgħid li sa minn meta kien għadu seminarista, huwa kellu konnessjoni ma' Benghisa. Huwa kien imur fid-dar tal-Profs. Saydon biex ikun qribu meta jkun qed jaqleb il-Bibbja għall-Malti. Fil-fatt Dun Ġużepp kien student tal-Profs. Saydon.

Dun Ġużepp Berry ġie ordnat saċerdot nhar is-7 ta' April 1962. Għal erbgħin sena, huwa kien jgħallem fis-seminarju tal-Furjana u aktar tard f'dak tal-Virtù fir-Rabat. Kien ukoll assistent ekkleżjastiku tal-Azzjoni Kattolika tal-lokal. Tul dan iż-żmien, anzi sal-lum il-ġurnata, huwa ta s-servizz tiegħu fil-parroċċa ta' Birżebbuġa kull fejn kien hemm bżonn. Fis-skiet ta' ħidmietu Dun Ġużepp kien u għadu jaħdem mal-familji ta' Benghisa speċjalment fis-snin 60 u 70 meta Benghisa kienu jgħixu ħafna iżjed nies mil-lum il-ġurnata.

Minn qalbna nawguraw lil Dun Ġużepp għomor twil b'risq il-ħidma fil-għalqa tal-Mulej, dejjem taħt il-ħarsien ta' Marija Immakulata.



*Dun Ġużepp Berry flimkien ma' seminaristi oħra u l-Profs Pietru Pawl Saydon quddiem id-dar tiegħu ġewwa Benghajsa*



*Is-saċerdot novell Dun Ġużepp Berry fil-purċissjoni ta' San Pietru*